TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 32/14 (JE).

KONSUMATUR

vs

Meridian Enterprises Co. Ltd.

Illum, 10 ta' Ġunju 2014.

It-Tribunal,

Ra l-avviż tal-KONSUMATUR tal-11 ta' Frar 2014 fejn stqarr illi kien xtara karozza Hyundai ġdida mudell i20 f'April 2012. Mill-ewwel dina l-karozza bdiet turi illi kellha bosta problemi imma illi dawn il-problemi lkoll ġew riżolti mis-soċjetà konvenuta għalkemm xi kultant b'dewmien. F'Ottubru 2013, l-attur innota illi l-karozza ma kellhiex saħħa x'ħin kien jippressa l-pedala tal-gass. L-għada waqt is-sewqan, l-attur sema ħoss stramb fil-karozza u wara ftit bdiet iddaħħan u tagħmel ir-riħa. Il-qafas tal-karozza kien verament sħun u peress illi l-karozza waqfet f'nofs ta' triq, kellu jieħu l-karozza fil-garaxx tas-soċjetà konvenuta. L-attur wara ġie nfurmat illi l-ħsara kienet fil-"clutch" u dina kienet kwistjoni ta' "wear and tear" u sabiex isewwi l-karozza mingħajr ma jitlef il-garanzija, kellu jħallas € 379.89 taħt protest. L-attur madankollu sostna illi skond il-parir illi ħa minn bosta persuni tekniċi, din il-ħsara kienet il-konsegwenza tal-ħsarat preċedenti illi kellha l-karozza. L-attur sostna illi m'hux ġust illi kellu jieħu l-karozza għal tiswija diversi drabi fl-ewwel sena u nofs illi kienet f'idejh. Huwa talab rifużjoni tal-ammont imħallas minnu għax sostna illi l-ħsara ma kienetx ir-riżultat ta' "wear and tear".

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta illi fiha ċaħdet l-allegazzjonijiet tal-attur u sostniet illi verament il-ħsara kienet ir-riżultat ta' "wear and tear" tal-"clutch", liema ħsara m'hix koperta bil-garanzija u bl-ebda mod m'hi konnessa mat-tiswijiet l-oħra li saru.

Sema' l-provi tal-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi t-Tribunal għarbel il-provi prodotti mill-partijiet u għalkemm jissimpatizza mal-attur illi kellu jdaħħal il-karozza tiegħu għat-tiswija bosta drabi, ma jirriżultalux illi f'dina l-okkażjoni illi s-

soċjetà konvenuta irrifjutat illi tkopri il-ħsara sofferta mill-karozza tal-attur bil-garanzija, l-attur ipprova fuq bażi ta' probabilità illi tali ħsara kienet ir-riżultat ta' difett tal-manifattura. L-attur naqas illi jippreżenta xhieda teknika sabiex issostni t-teżi tiegħu imma mill-banda l-oħra, is-soċjetà konvenuta ppreżentat tali xhieda illi kkonfermat illi l-ħsara in kwistjoni kienet riżultat ta' "wear and tear".

It-Tribunal jagħraf ukoll illi s-soċjetà konvenuta ma qagħdetx tikkontesta meta kellha ssewwi taħt il-garanzija fejn hekk kellu jsir u jinnota illi kieku kopriet it-tiswija in kwistjoni bil-garanzija hija ma kienet ser titlef l-ebda gwadann materjali. Mill-banda l-oħra, it-Tribunal jagħraf illi parti ta' karozza bħal "clutch" hija soġġetta għal użura u l-ħajja tagħha tiddependi ħafna fuq il-mod kif tinstaq il-karozza.

Għar-raġunijiet premessi, it-Tribunal ma jistax jilqa' t-talba tal-attur u qed jilqa l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ.

Av. Joseph Ellis
Arbitru